

**Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)**

14018/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0136(COD)**

**CODEC 1336
CADREFIN 449
RESPR 81
POLGEN 227
FIN 955**

NOTA

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
= Eżitu tal-proċedura bil-miktub mitmuma fl-14 ta' Diċembru 2020

Il-proċedura bil-miktub miftuħa permezz ta' CM 4742/20 tal-11 ta' Diċembru 2020 intemmet permezz ta' CM 5358/20 tal-14 ta' Diċembru 2020.

Id-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur, ħlief għall-Ungerija u l-Polonja li vvutaw kontra l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq, kif jinsab fid-dokumenti ST 9980/20 u 9980/20 ADD 1.

Id-delegazzjonijiet kollha qablu li japprovaw l-abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta kif jinsab fl-Anness 1 għal ST 13051/20.

Il-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ntlaħqet. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ta' hawn fuq u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill huma adottati u d-Dikjarazzjoni Konġunta li takkumpanjaha hija approvata.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta, id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni u d-dikjarazzjoni mill-Ungerija huma riprodotti fl-Anness għal din in-nota.

Id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq ser jiġu inklużi fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

Spjegazzjoni mill-Ungerija tal-vot tagħha

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni u l-Kunsill indirizzaw it-tfassib politiku u xi wħud mit-tfassib legali tal-Ungerija fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-abbozz ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Madankollu, għad hemm tfassib legali serju dwar il-konformità tal-abbozz ta' Regolament mad-dritt tal-UE li jġiegħel lill-Ungerija tivvota kontra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-abbozz ta' Regolament. L-Ungerija tirriżerva d-dritt tagħha skont l-Artikolu 263 TFUE.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-implimentazzjoni sħiħa in bona fede tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew u d-dikjarazzjonijiet relatati mill-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni tirrigwarda l-interessi nazzjonali vitali tal-Ungerija u hija prekondizzjoni għall-kunsens tal-Ungerija għal kwalunkwe att leġislativ relatat mal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027, inkluż Next Generation EU.

Dikjarazzjoni minn-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tiegħu nota tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-abbozz ta' Regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni. Huwa jikkonferma l-fehim tal-Kunsill Ewropew li l-Kummissjoni, fl-applikazzjoni tar-Regolament, timpenja ruħha għall-elementi msemmija fil-paragrafu 2 tal-konklużjonijiet tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2020 sa fejn dawn jaqgħu taħt il-mandat tar-responsabbiltajiet tagħha, f'konformità mat-Trattati.

Abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizzjattiva tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li jikkunsidraw l-inklużjoni tal-kontenut ta' dan ir-Regolament fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 (ir-"Regolament Finanzjarju") fil-mument tar-reviżjoni li jmiss tiegħu.

Dikjarazzjoni minil-Kummissjoni

Il-Kummissjoni taqbel li tikkunsidra li takkumpanja r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament permezz ta' proposti adatti fejn meħtieġ.
